**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 t'April, 2001

**Numru 8**

**Avviz. numru 71/01JR**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**vs**

**Diaeddin Imar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Frar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tmienja u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm78.75), rapprezentanti danni kkawzati fil-vettura tat-Tabib Principali tal-Gvern. Id-danni kienu kkagunati f'incident tat-traffiku li sehh fis-17 ta' Settembru, 1997, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Scerri. Ha konjizzjoni tad-dokument esebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**Illi l-incident in kwistjoni gara meta, waqt li Joseph Scerri kien qed isuq ambulanza fid-direzzjoni ta' hal-Lija, hdejn ic-cimiterju ta' Hal-Lija, ra Datsun Vann sejjer minn naha ghall-ohra tat-triq. Meta qabzu hass daqqa fuq wara. Ma hemmx dubbju li ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut. Id-danni huma dawk indikati fid-Dok.BG1 fl-ammont mitlub fl-avviz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tmienja u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm78.75).**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**